MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 7/2009

**Joseph u Angela konjugi Tonna**

**Vs**

**Silvia Rosso, Lucienne Rosso, Isabelle Delia, Marika Calleja, Susan Busuttil**

Il-kawza hi dwar tieqa li minn fond tal-atturi taghti ghal shaft li hemm fil-proprjeta tal-konvenuti. Din it-tieqa hi llum imbarrata. Kwistjoni ohra hi dwar is-shaft li hu msaqqaf, peress li l-atturi jippretendu li dan ghandu jitnehha. L-atturi qeghdin jitolbu li l-qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti ghalqu illegalment t-tieqa li hemm fil-fond tal-atturi u li taghti ghal fuq il-bitha tal-konvenuti, u liema tieqa ghandhom dritt ghaliha skond kif jirrizulta mill-kuntratt ta‘ akkwist tal-awtur tal-atturi tal-25 ta‘ Gunju 1953 pubblikat min-nutar Dr John Spiteri.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jergghu jifthu t-tieqa u titnehha l-kmara tal-hasil tal-annimali, u jitwaqqa s-saqaf tal-kamra li giet mibnija mill-konvenuti fil-bitha, peress li qeghda tostakola d-dritt ta' prospett u arja.
3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghol huma ghas-spejjez tal-konvenuti u taht id-direzzjoni u supervizjoni ta' perit nominat mill-qorti.

Il-konvenuti jaccettaw li hemm tieqa li mill-fond tal-atturi taghti ghal shaft li hemm fil-proprjeta taghhom, pero m'humiex jaqblu fuq id-daqs tat-tieqa kemm fir-rigward tal-wisa' u d-daqs. Jikkontestaw ukoll li saret xi kostruzzjoni fil-bitha.
Mill-atti jirrizulta li:-
i. L-atturi huma l-proprjetarji tal-fond 11, Rex, Triq id-Duluri, Pieta. Dan il-fond kien inxtara minn missier l-attur b'kuntratt li sar fil-25 ta' Gunju 1953 (Dok. JAT3). F'dak il-kuntratt jinghad li l-fond igawdi servitu ta' tieqa fuq il-fond tal-bejjiegh (Carmelo Bajada).
ii. Il-konvenuti huma s-sidien tal-fond Washwell li nxtara minn Hector Rosso (ir-ragel ta' Silvia Rosso) minghand Carmelo Bajada b'kuntratt li sar fit-22 ta' Jannar 1970 fl-atti tan-nutar Dr Joseph Cachia (Dok. K).
iii. Permezz ta' skrittura tad-29 ta' Awissu 1967, omm l-attur kriet lil Hector Rosso l-fond Rex (Dok. E) ghall-uzu kummercjali.
Il-qorti ghandha verzjonijiet opposti ghal xulxin in kwantu:-
i. L-attur isostni li t-tieqa kienet minn dejjem tad-daqs li tidher fir-ritratti Dok. JAT5 u JAT6 a fol. 19 u 20 tal-process.
ii. Il-konvenuti jsostnu li l-fetha li tidher fid-dokumenti fuq imsemmija giet imkabbra fiz-zmien li l-fond tal-atturi kien mikri ghandhom.
L-Artikolu 475 u 476 tal-Kodici Civili jipprovdu :-
*Kull min għandu jedd ta' servitù għandu jinqeda b'dan il-jedd skont it-titolu tiegħu, u ma jista' jagħmel la fil-fond serventi u lanqas fil-fond dominanti ebda tibdil li jista' jtaqqal iżjed il-piż tal-fond serventi*.
*Meta jkun hemm dubju dwar l-estensjoni tas-servitù, wieħed għandu jinqeda biha fil-limiti ta' dak li hu meħtieġ, billi jittieħdu b'qies id-destinazzjoni li l-fond dominanti kellu*

*fiż-żmien li ġiet stabbilita s-servitù u l-użu konvenjenti ta' dak il-fond, blanqas ħsara tal-fond serventi*.

Il-kaz hu bazat fuq apprezzament tal-provi:-*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra,anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*-**Carmelo Farrugia v Rokku Farrugia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) fl-24 ta' Novembru 1966.

Wara li l-qorti qrat kemm-il darba t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' Silvia Rosso, mart Hector Rosso, m'ghandix dubju li ma qalitx is-sewwa meta xehedet li meta krew il-fond it-tieqa kienet tlett piedi b'zewg piedi u li t-tieqa kienet kabritha bintha Isabelle. Din il-konvenuta bdiet biex tat il-kejl tat-tieqa. Rilevanti mbaghad hi din il-parti tat-deposizzjoni :-

*'Qorti Smajt lis-Sur Tonna jghid li jiftakarha qabel kienet daqs kemm hi llum bhala daqs, imkabbra kif inhi llum. Is-sur Tonna qalilna li kienet dejjem kif inhi llum.*
*Xhud Ma niftakarx ghax issa ghadda hafna zmien, twenty years mejjet ir-ragel.*
*Qorti Tiftakarha qabel ma kabbritha t-tifla kienet three by two.*
*Xhud Xi haga hekk kienet.*

*Qorti Issa s-sur Tonna qalilna li qatt ma kienet three by two, qal li dejjem kienet kbira kif inhi llum.*
*Xhud Illum lanqas naf kemm hi qeghda.*
*Qorti Qatt ma rajth mindu kabbritha t-tifla ?*
*Xhud Ma nersaqx l hemm nghidlek il-verita'.*
*Omissis*
*Qorti Issa s-sur Tonna qed ighid li ma kinitx kbira izjed, qed ighid kienet daqs kemm hi llum. Xi tghidli fuq dan li qal is-sur Tonna, m'intomx taqblu bejnietkom.*
*Xhud Forsi kabbarha meta fetahha issa ricenti u regghet inghalqet.*
*Qorti Is-sur Tonna qed ighid li dejjem hekk kienet bhala daqs. Inti qed tghidli kabbritha t-tifla. M'intomx taqblu.*
*Xhud M'ghandix idea.'*.
It-tibdil fil-mod kif bdiet twiegeb meta l-imhallef beda jistaqsi domandi lix-xhud, iwasslu lil din il-qorti biex tikkonkludi li x-xhud m'hijiex kredibbli meta qalet li meta krew il-fond it-tieqa kellha kejl ta' tlett piedi b'zewg piedi. Iktar tard fid-deposizzjoni ic-certezza li kellha sfumat fix-xejn tant li waslet biex tghid li ma tifhimx fil-kejl. Ix-xhud ikkonfermat li saret laqgha fil-fond meta nqalghet il-kwistjoni dwar it-tieqa wara li kienu rritornaw ic-cavetta tal-fond lil Tonna, u *'Konna tkellimna u konna ftehmna li t-tieqa se ntuhielu minghajr hafna argumenti.'*. Fl-ahhar tad-deposizzjoni qalet li marru jiltaqghu ma' Tonna fil-fond, id-daqs tat-tieqa kien jidher. Mistoqsija mill-qorti *'U kienet ta' l-istess daqs tal-bidu jew kienet diga' mkabbra ?'*, wiegbet *'Ma nafx, ma niftakarx.'*. F'dan ix-xenarju l-verzjoni li tat din il-konvenuta ma titwemminx. Xehedet ukoll Isabelle Delia, bint il-konvenuta Rosso, li qalet li tiftakar li missierha kien kabbar id-daqs tat-tieqa bi ftit. Min-naha l-ohra ommha, mistoqsija jekk taqbilx li d-daqs tat-tieqa kien baqa' l-istess wiegbet: *'Ma konniex missejnieha.'*. Isabelle Delia xehedet ukoll li *'Jiena bi svista peress li konnha ridna ntuhom ic-cwievet u kollox flok ma hallejt il-qies originali imblukkajt kollox.'*. Il-qorti ma tarax li dawn l-affarijiet jigru bi 'svista'. Delia qalet ukoll li *'L-ewwel darba li smajt fuq it-tieqa kienet meta s-sinjur apparentement sirt naf minghand il-mama li s-sinjur avvicinaha ghaliex hemmhekk kien hemm tieqa suppost. Ghidtilha jista jkun kien hemm tieqa. Imbaghad inqalghet il-kwistjoni tal-kobor tat-tieqa.'*. Il-qorti ma tifhimx kif Delia setghet qalet lill-

ommha li jista' jkun li kien hemm tieqa, nuqqas ta' certezza, jekk hi stess qalet li taf li kien hemm tieqa izghar. Mill-mod kif iddeponiet ix-xhud il-qorti hi tal-fehma li kien biss wara li raw il-kuntratt tal-akkwist ta' missier l-attur (25 ta' Gunju 1953) u rrizulta li tissemma 'tieqa', li nqalghet il-kwistjoni dwar id-daqs in kwantu l-konvenuti jsostnu li l-fetha li l-atturi jippretendu li ghandha terga' tinfetah m'hijiex tieqa imma bieb. Mistoqsija biex tghid min kien ghamel ix-xoghol li bih tkabret il-fetha fil-hajt divizorju, wiegbet li ma tiftakarx. Dan ikompli jkabbar id-dubju tal-qorti dwar kemm qalet is-sewwa.
Fir-rigward ta' dak li qalet il-konvenuta l-ohra Marika Calleja, il-qorti ma tarax li tista' tghin it-tezi tal-konvenuti ghaliex rrakontat dak li semghet lill-ommha u lil hutha jghidu.
Jirrizulta wkoll li bejn il-proprjeta tal-atturi u tal-konvenuti kien infetah bieb ukoll. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-ittra legali datata 31 ta' Ottubru 1969 mibghuta ghan-nom ta' Rosso, fejn hemm konferma li nfetah bieb bejn iz-zewg proprjetajiet. Minkejja l-ispjegazzjoni li tat Isabelle Delia, il-qorti ghadha ma tistax x'tifhem xi htiega kien hemm li tkabbar it-tieqa jekk kien diga' jezisti bieb bejn iz-zewg fondi. Jekk fir-realta' kienet tezisti din il-htiega, il-konvenuti ma tawx spjegazzjoni sodisfacenti li tista' tikkonvinci lill-qorti f'dak li qalu.
Mehud in konsiderazzjoni l-provi l-qorti m'ghandix dubju dwar il-kobor tat-tieqa fiz-zmien li nholqot is-servitu, u cjoe' tad-daqs li qeghdin jippretendu l-atturi.
Il-konvenuti jsostnu li l-fetha kif tidher fit-tieni ritratt tad-Dok. JAT6 a fol. 20 m'hijiex tieqa imma bieb ghaliex fiha gholi ta' sebgha filati. Il-qorti ma taqbilx, in kwantu 7 filati m'huwiex gholi normali ta' bieb u jezistu twieqi li huma ta' dak l-gholi. Wara li l-qorti rat ukoll il-pjanta li hejja l-perit Ian Zammit tal-fond ta' Tonna u minn liema dokument jidher il-kobor tal-fond tal-atturi, ma tara xejn barra minn normal li fil-fond tal-atturi hemm tieqa tal-kobor kif murija fid-Dokument JAT8 a fol. 22. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li z-zewg fondi kienu tal-istess proprjetarju.
Ghal dak li jikkoncerna s-shaft li hemm fil-fond proprjeta tal-konvenuti, dan gie msaqqaf wara li l-fond ta' Tonna nkera minn Hector Rosso. Ghalhekk ghandu jitnehha biex

minnu jkun jista' jidhol id-dawl u l-arja, li jgawdi l-fond tal-atturi bit-tieqa li mill-fond taghhom taghti ghat-tieqa.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qegha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tal-atturi, fis-sens li :-**

**1. It-tieqa ghandha tkun tad-daqs li tidher fir-ritratti numru tlieta u erbgha tad-Dokument JAT6 a fol. 20 u l-konvenuti ma kellhom ebda jedd li jaghlquha meta gew biex jirritornaw il-pussess tal-fond lill-atturi.**

**2. Tiffissa terminu ta' tletin (30) jum sabiex il-konvenuti jnehhu l-bricks li jidher fit-tieni ritratt f'Dok. JAT5 (fol. 19) u jergghu jifthu t-tieqa ghal kif tidher fit-tieni ritratt li hemm f'Dok. JAT6 (fol. 20), kif ukoll inehhu s-saqaf temporanju li hemm gewwa x-xaft, u dan ghas-spejjez taghhom.**

**3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu dan ix-xoghol ghas-spejjez tal-konvenuti. Tinnomina lil Vincent Ciliberti sabiex ix-xoghol isir taht is-sorveljanza u direzzjoni tieghu.**

**Spejjez kollha a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------